A.L. 81 ta' l-1998

ATT DWAR IL-FORZI ARMATI TA' MALTA (KAP. 220)

Regolamenti ta' l-1998 dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza ta' Riżerva Individwali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta, u tas-setgħat l-oħra kollha li huwa għandu, il-President ta' Malta għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1990 dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza ta' Reżerva Individwali, u għandhom jibdew iseħħu fl-10 ta' Marzu, 1998. Titoluu bidu fis-seħħ.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra — Tifsir.

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta;

"Kmandant" tfisser il-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta nominat bis-saħħa ta' l-Ordni ta' l-1970 dwar l-Isem, il-kmand u l-Istabbiliment tal-Forzi Armati ta' Malta, u fl-assenza jew inkapaċità tiegħu tinkludi d-Deputat Kmandant, jew kull uffiċjal ieħor nominat biex jaġixxi bħala Kmandant, nominati bis-saħħa ta' l-imsemmi Ordni; A.L. 90 ta' l-1970.

"jistabbilixxi" dwar il-Ministru tfisser jistabbilixxi b'ordni jew istruzzjoni (kemm jekk maħruġa minnu kemm jekk maħruġa bl-awtorità tiegħu) jew dak il-mod ieħor, hekk kif il-Ministru jidhirlu xieraq;

"forza" tfisser il-Forza ta' Riżerva Individwali (IRF).

(2) Hlief kif provdut fil-paragrafu (1) ta' dan ir-regolament, f'dawn ir-regolamenti kliem u espressjonijiet għandu jkollhom l-istess tifsir kif mogħti lilhom fl-Att.

TAQSIMA I

Ġenerali

Għoti ta' kummissjoni lil uffiċjali.

A.L. 91 ta' l-1970.

3. L-Uffiċjali u l-Irġiel għandhom isiru membri tal-Forza ta' Riżerva Individwali skond id-dispożizzjonijiet applikabbli tar-Regolamenti ta' l-1970 dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta.

Il-Ġuramenti u Dikjarazzjonijiet jibqgħu validi.

4. Il-Ġurament ta' Fedeltà li jittieħed minn Uffiċjali u d-Dikjarazzjoni Solenni ta' suldati, ma' l-għoti tal-Kummissjoni jew meta jiġu ingaġġati rispettivament fil-Forza Regolari, jibqgħu validi u vinkolanti għal kemm idum is-servizz fil-Forza ta' Riżerva Individwali.

Nomini, promozzjonijiet u irtir.

A.L. 91 ta' l-1970.

5. In-nomini, il-promozzjonijet u l-irtir ta' uffiċjali għandu jiġi awtorizzat mill-Ministru wara li jikkonsulta lill-Kmandant, skond ma hemm fir-Regolamenti ta' l-1970 dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta.

Paga u *Allowances*

Paga u *allowances*.

6. L-iskali ta' paga u ta' *allowances* għall-uffiċjali u l-irġiel għandhom ikunu dawk kif il-Ministru jista' minn żmien għal żmien jistabbilixxi u jippubblika.

TAQSIMA II

Sejħa tar-Riżervi

Sejħa.

7. Is-sejħa ta' riżervi fil-każ ta' xi perikolu nazzjonali tkun skond l-artikoli 32 sa 35 ta' l-Att.

Taħriġ

Taħriġ.

8. Bla ebda ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 36 ta' l-Att, il-membri tal-Forza ta' Riżerva Individwali jkunu meħtieġa li jagħmlu taħriġ minimu li mill-inqas ikun jikkonsisti f'erbat ijiem fissena u li jkun jikkonsisti f'taħriġ ta' ħila fl-użu ta' armi bażiċi u aġġornament fil-ħila *special-to-arm*.

Dixxiplina

Dixxiplina.

9. L-uffiċjali u l-irġiel tal-forza jkunu suġġetti għal dak li hemm fit-Taqsimiet III, V, VI, VII u VIII ta' l-Att f'kull waqt jew żmien li matulu l-individwi jkunu qegħdin jaqdu d-dmirijiet tagħhom ta' taħriġ jew ikunu imsejħin fuq servizz permanenti skond l-artikolu 32 ta' l-Att.

Faċilitajiet Mediċi

10. (1) Matul iż-żmien jew żminijiet li matulhom ikunu qegħdin jagħmlu d-dmirijiet ta' taħriġ tagħhom, l-uffiċjali u l-irġiel ikollhom jedd għal kura medika b'xejn minn uffiċjal mediku li jinħatar għal dak l-għan, f'ċentru mediku li jkun mgħammar għaldaqshekk. Faċilitajiet mediċi għall-uffiċjali u l-irġiel.

(2) L-uffiċjali u l-irġiel ikollhom jedd li jiġu rikoverati fi sptar mingħajr ma huma jħallsu ebda spejjeż.

(3) Dawk l-uffiċjali u l-irġiel li ma jkunux jistgħu jidħlu għax-xogħol minħabba f'xi mard jew feriment għandhom jiġu invistati minn uffiċjal mediku matul il-ħinijiet tax-xogħol.

11. Meta l-membri tal-forza jissejħu fuq servizz permanenti skond l-artikolu 32 ta' l-Att, huma jkunu eliġibbli għal kull kura medika kif din tapplika għall-membri tal-Forza Regolari. Kura medika.